

### Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan ir-rikors għad-danni, ir-rikorrenti jallegaw li l-konvenut naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu billi naqas, fl-opinjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2012 li tikkonċerna t-titoli maħruġa u ggarantiti mill-Istat Grieg (CON/2012/12), li jiġbed l-attenzjoni għall-illegalità tar-ristrutturazzjoni proposta tad-dejn pubbliku Grieg permezz ta' skambju obligatorju abbażi tal-Liġi Nru 4050/2012.

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-assenza ta' riferiment għall-inammissibbiltà tar-ristrutturazzjoni obligatorja fir-rigward tal-prinċipju ta' *pacta sunt servanda*, sa fejn klawżoli ta' reviżjoni ma jistgħux effettivament jiġu introdotti sussegwentement fil-bonds tal-Istat eżistenti.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-assenza ta' konstatazzjoni ta' effett ta' esproprijazzjoni tal-abbozz ta' liġi li qiegħed jiġi kkunsidrat mill-Greċja, li kien jipprevedi skambju obligatorju, mingħajr l-istabbiliment ta' kumpens adegwat fil-liġi stess, bi ksur tat-tieni sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-assenza ta' riferiment għal ksur tal-Artikolu 63 TFUE.
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-assenza ta' riferiment għal ksur tal-Artikolu 124 TFUE.

---

### Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2017 – Pelikan vs EUIPO – NBA Properties (NEW ORLEANS PELICANS)

(Kawża T-112/17)

(2017/C 129/38)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Pelikan Vertriebsgesellschaft mbH & Co. KG (Hannover, il-Ġermanja) (rappreżentant: U. Hildebrandt, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: NBA Properties, Inc. (New York, New York, l-Istati Uniti)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea bl-abjad u bl-iswed li tinkludi l-element verbali "NEW ORLEANS PELICANS" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 518 487

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Diċembru 2016 fil-Każ R 408/2016-4

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

#### **Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

### **Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2017 – Alba Aguilera *et vs* SEAE**

**(Kawża T-119/17)**

(2017/C 129/39)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### **Partijiet**

*Rikorrenti*: Ruben Alba Aguilera (Addis-Abeba, l-Etjopja) u 28 rikorrent ieħor) (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

*Konvenut*: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

#### **Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tnaqqas, sa mill-1 ta' Jannar 2016, l-ammont tal-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja mogħtija lill-persunal assenjat fl-Etjopja, minn 30 % għal 25 %;
- tikkundanna lis-SEAE jħallas lir-rikorrenti somma f'daqqa, li l-ammont tagħha għandu jiġi ddeterminat *ex aequo et bono* mill-Qorti Ġenerali, għad-dannu morali subit;
- tikkundanna lis-SEAE għall-ispejjeż.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

Din it-tilwima tirrigwarda l-legalità tad-deċiżjoni tas-SEAE li tnaqqas l-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja (AKH) mogħtija lill-membri tal-persunal tal-Unjoni Ewropea li jkunu f'delegazzjoni fl-Etjopja minn 30 % għal 25 %.

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinwokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu li jiġu adottati DĠI tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 10 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal, sa fejn il-metodu użat mis-SEAE sabiex tistabbilixxi l-ammont tal-AKH fil-post ta' assenjazzjoni jiħu inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' "koerenza reġjonali".
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq id-diversi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni li jivvizzjaw, għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata b'illegalità.

---

### **Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2017 – Exaa Abwicklungsstelle für Energieprodukte vs ACER**

**(Kawża T-123/17)**

(2017/C 129/40)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### **Partijiet**

*Rikorrenti*: Exaa Abwicklungsstelle für Energieprodukte AG (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentant: B. Rajal, avukat)